# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 3**

**Rikors numru 89/16 JRM**

**Anthony Farrugia, Lawrence Cassar, Victor Mizzi u Raymond Schembri**

**v.**

**L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u l-Onorevoli Ministru ghat-Trasport u ghall-Infrastruttura**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell wara lment intavolat mir-rikorrenti appellati illi gew lezi d-drittijiet fondamentali taghhom sanciti permezz tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni. L-appellati huma rmiggjaturi licenzjati mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, u ghal numru ta' snin ix-

xoghol taghhom kien irregolat permezz tal-Avviz Legali 163 tal-1975 (Pilotage and Mooring Regulations). Dan l-Avviz Legali kien johloq "*closed shop*" peress illi, apparti ghal cirkostanzi eccezzjonali, kienu biss l-irmiggjaturi licenzjati li setghu jaghmlu xoghol ta' rmigg fil-portijiet ta' Malta u l-ligi kienet tistabbilixxi wkoll numru massimu ta' licenzji li setghu jinhargu. Dawn ir-Regolamenti kienu mbaghad suggetti ghal numru ta' emendi, meta l-Istat kien qieghed jittenta jilliberalizza s-suq tas-servizzi marittimi. L-Avviz Legali 163 tal-1975 kien gie abrogat permezz tal-Avviz Legali 100 tal-2010 b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2010, skont liema "irmiggjatur" tfisser persuna li jkollha licenzja skont id-dispozizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti. Dan l-Avviz Legali gie mbaghad revokat bl-Avviz Legali 100 tal-2011, fis-sehh mill-1 ta' April 2011, li kien nehha l-kuncett ta' rmiggjatur licenzjat u kien minflok jipprovdi illi rmiggjatur huwa persuna li tkun awtorizzata minn operatur ta' terminal sabiex jipprovdi servizz ta' rmigg, b'mod illi l-licenzja tal-appellati ma baqghetx aktar pre-rekwizit sabiex ikun jista' jsir xoghol ta' rmigg. Sussegwentement il-pozizzjoni regghet inbidlet permezz tal-introduzzjoni tal-Avviz Legali numru 253 tal-2012, li ghadu fis-sehh sal-lum il-gurnata. Skont dan l-Avviz Legali rmiggjatur huwa jew persuna licenzjata jew persuna mqabbda minn operatur ta' terminal skont il-kaz, u jistabilixxi numru ta' portijiet fejn ix-xoghol ta' rmigg jista' jsir biss minn irmiggjaturi licenzjati, u numru iehor ta' portijiet fejn ix-xoghol ta' rmigg jista' jsir ukoll minn persuna inkarigata minn operatur ta' terminal wara d-debita awtorizzazzjoni tal-Awtorita`

appellanti, u l-operaturi ta' dan it-tip ta' terminal jistghu jilhqu arrangament ghall-provvista ta' servizzi ta' rmigg mal-"Fornitur tas-Servizz" li skont ir-regolamenti jrid ikun maghmul minn irmiggjaturi licenzjati. L-appellati jsostnu illi l-licenzja taghhom tikkostitwixxi possedimenti ai termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u jilmentaw illi b'effett tal-Avviz Legali 100 tal-2011 huma soffrew privazzjoni assoluta tal-possediment taghhom ghaliex il-licenzja taghhom ingabet fix-xejn, filwaqt illi sofrew deprivazzjoni parzjali tal-possediment taghhom b'effett tal-Avviz Legali 253/2012 ghaliex dawn ir-regolamenti introducew kontroll fl-uzu tal-licenzja taghhom, u dan kollu minghajr ma nghataw kumpens xieraq u adegwat. Ilmentaw ukoll illi dawn l-emendi legislattivi huma wkoll diskriminattivi fil-konfront taghhom billi l-licenzji pertinenti ghal okkupazzjonijiet ohrajn marittimi u portwali thallew integri u shah kif dejjem kienu.

2. F'dawn il-proceduri huma talbu ghalhekk lill-ewwel Qorti sabiex:

> "(1) Tiddeciedi u tiddikjara illi bil-promulgazzjoni ta' l-Avviz Legali 100 tas-sena 2010, ta' l-Avviz Legali 100 tas-sena 2011 u ta' l-Avviz Legali 253 tas-sena 2012, l-esponenti garrbu lezjoni fid-drittijiet fondamentali taghhom kif tutelati mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, kif ukoll mill-Artikolu 14 ta' l-istess Konvenzjoni Ewropeja;
>
> "(2) taghti dawk l-ordnijiet, provvedimenti u dikjarazzjonijiet kollha opportuni sabiex l-esponenti jinghataw rimedju xieraq u adegwat ghall-vhjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali mgarrbin minnhom, inkluz kumpens ghall-hsarat pekunarji u non-pekunarji mgarrbin mill-esponenti.

> “Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma wkoll minn issa ngunti in subizzjoni.”

3. L-appellati eċċepew preliminarjament illi kull wiehed mir-rikorrenti jehtieglu juri l-interess guridiku tieghu, u fir-rigward tal-ewwel talba tar-rikorrenti eċċepew illi m’hemmx ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghaliex (i) l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni m’huwiex applikabbli ghaliex m’hemmx tehid forzuz u licenzja ta’ rmiggjatur ma tikkwalifikax bhala “proprjeta`” fis-sens ta’ dan l-artikolu, (ii) il-licenzja tar-rikorrenti ma ttehdietx u ebda ligi m’hija qed izommhom milli jhaddmuha, (iii) l-Awtorita` ezercitat legittimament, b’mod ragjonevoli u ghal ghanijiet siewja u xierqa l-poteri u l-funzjonijiet taghha, (iv) ir-rikorrenti qed jippruvaw jirrikorru ghal rimedju Kostituzzjonali biex jipprotegu sitwazzjoni ta’ *closed shop*; (v) m’hemm l-ebda dritt illi licenzja tibqa’ tigi gawduta in aeternum; u illi m’hemmx ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ghaliex (i) preliminarjament dan l-artikolu m’ghandux ezistenza awtonoma u jrid jigi sollevat in konnessjoni ma xi dritt jew liberta protetta mill-Konvenzjoni li f’dan il-kaz ma sarx, (ii) il-bazi tad-diskriminazzjoni allegata m’hijiex tax-xorta li qed jirreferi ghaliha l-Artikolu 14 u (iii) ir-rikorrenti jistghu jqabblu ruhhom biss ma’ rmiggaturi ohra u mhux ma’ bdoti jew okkupazzjonijiet ohra marittimi illi jinvolvu xoghol totalment differenti.

4. Bis-sentenza in parte tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tal-11 ta' Gunju 2020 gie deciz hekk:

> "Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:
>
> **"Tilqa' l-ewwel talba tat-rikorrenti** safejn imsejsa fuq l-ilment tagħhom li ġarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom kif imħares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u tiċħadha safejn imsejsa fuq ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni;
>
> **"Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-provi u t-trattazzjoni dwar it-tieni talba tar-rikorrenti; u
>
> **"Tordna li l-ispejjeż** marbuta ma' din is-sentenza jitħallsu mill-intimati flimkien u solidalment bejniethom"

5. L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u l-Ministru ghat-Trasport u l-Infrastruttura appellaw mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) permezz ta' rikors datat 27 ta' Lulju 2020, u talbu lil din il-Qorti sabiex thassar is-sentenza appellata u minflok tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez.

6. L-appellati prezentaw ir-risposta tal-appell taghhom fl-24 ta' Awissu 2020 u talbu lil din il-Qorti sabiex tichad l-appell tal-intimati u tikkonferma interament is-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-intimati appellanti.

**Ikkonsidrat;**

**L-Ewwel Aggravju**

7. Permezz tal-ewwel aggravju taghhom l-appellanti jargumentaw illi l-licenzja tal-appellati ma kinitx taghtihom dritt ta' proprjeta` izda jekk xejn drittijiet personali lil persuna li f'isimha tkun inharget, ikkonsidrat illi din ma tistax tintiret, tinsilef, tigi trasferita jew tintuza minn persuna ohra li ma tkunx il-persuna li fuq isimha tkun inharget. Isostnu ghalhekk illi din il-licenzja ma tistax tigi kkumercjalizzata u m'ghandhiex abbinat maghha xi "*goodwill*" bhal fil-kaz ta' negozju, izda timplika biss illi l-persuna licenzjata hija idoneja sabiex taghmel ix-xoghol ta' rmiggjatur. Skont l-appellanti r-ragunament tal-ewwel Qorti illi l-licenzja ghandha valur ekonomiku jimplika li l-irmiggjaturi kellhom il-jedd illi jippretendu xi dhul garantit mill-ezercizzju tal-licenzja taghhom, u cioe` aspettativa legittima li jibqghu jaghmlu l-istess qligh, izda dan mhux il-kaz. Jargumentaw illi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ma jaghtix il-jedd li takkwista gid fil-futur izda jassigura biss assi u possedimenti ezistenti, u jzidu illi ma hemm l-ebda jedd illi l-licenzja tigi gawduta in aeternum u wisq anqas illi l-appellati jibqghu dejjem intitolati ghal ezattament l-istess jeddijiet meta l-Istat ghandu d-diskrezzjoni li jintervjeni biex jirregola ahjar il-licenzji u ma jistax jigi mizmum li jbiddilhom.

8. L-appellati rribattew illi dan l-aggravju huwa infondat ghaliex licenzja hija kkonsidrata bhala possediment fil-gurisprudenza kemm tal-Qorti Ewropea u kif ukoll ta' din il-Qorti, u dan anke f'kuntest fejn kien

hemm biss aspetattiva legittima minn naha tar-rikorrent li jinghata licenzja.

9. L-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fuq dan il-punt:

> "Illi l-kwestjoni bejn il-partijiet fil-qofol tagħha għandha titqies fil-qafas ta' natura ta' liċenzja maħruġa mill-Awtorità lir-rikorrenti bħala irmiġġjaturi. Il-liċenzja ssejjaħ biss lill-irmiġġjatur konċernat, u tispiċċa meta l-irmiġġjatur jilħaq l-età ta' irtirar, jew f'każijiet oħra msemmija fir-regolamenti. L-Awtorità wkoll ingħatat is-setgħa bil-liġi li tirrevoka jew tissospendi liċenzja maħruġa minnha skond l-istess regolamenti.
>
> "Illi qabel il-bidliet fil-liġi tal-2010, bil-liċenzja ta' irmiġġjaturi, ir-rikorrenti setgħu jaħdmu fil-portijiet kollha li fihom kien isir irmiġġ ta' vapuri. Dak li wassal għall-qagħda li r-rikorrenti jinsabu fiha llum ġrat bl-intervent leġislattiv li seħħ bl-emendi li ddaħħlu mill-2010 'l quddiem, li bihom l-irmiġġjaturi setgħu jaħdmu f'dawk il-portijiet identifikati fir-regolamenti. F'uħud minnhom, l-irmiġġjaturi ngħatalhom il-jedd ta' esklussività;
>
> "Illi fi kliem l-intimati, ma jistax jingħad li r-rikorrenti għandhom xi 'jedd ta' proprjetà' billi n-natura ta' liċenzja li nħarġitilhom mill-Awtorità, tagħtihom biss jedd personali limitat biż-żmien li tista' tintuża. Ir-rikorrenti, min-naħa l-oħra, jisħqu li liċenzja "simili" ġiet meqjusa mill-Qrati tagħna bħala li tikkostitwixxi possediment "għal finijiet tal-Konvenzjoni";
>
> "Illi l-bidla leġislattiva mfissra aktar 'il fuq, fil-fehma tal-Qorti, ma tiħux s-sura ta' xi għamla ta' teħid ta' pussess obbligatorju ta' proprjetà kif maħsub fl-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni. Dan għaliex, l-ewwel u qabel kollox, il-liċenzja tar-rikorrenti ma tistax titqies bħala 'proprjetà' fit-termini ta' l-artikolu 37 għall-istess argumenti mqanqla mill-imħarrkin. Anke jekk għall-grazzja tal-argument liċenzja kellha titqies bħala 'proprjetà', l-effett tal-bidliet ma jistax jissarraf f'teħid forzuż b'mod sħiħ jew li l-limitazzjoni kienet tant sostanzjali li fil-prattika ir-rikorrenti tneżżgħu għal kollox mill-jedd ta' tgawdija tal-istess proprjetà;
>
> "Illi għalhekk, safejn it-talba tar-rikorrenti tinbena fuq allegat ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti ma ssibx li hija mistħoqqa, la fil-fatt u lanqas fid-dritt; Illi f'dak li jirrigwarda l-ksur allegat taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, il-kwestjoni tieħu xejra oħra. Għalhekk il-Qorti sejra tgħaddi biex tistħarreġ il-kwestjoni mqajma mir-rikorrenti taħt din id-dispożizzjoni;

"Illi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

> "Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.
>
> "Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni";

"Illi fit-tifsira u l-applikazzjoni li ngħatat mill-Qrati dwar limsemmija dispożizzjoni bħala parti mil-liġi tagħna, ingħad li din testendi biex tħares it-tgawdija ħielsa mill-persuna dwar ħwejjiġha (il-possedimenti tagħha) u mhux biss il-ħarsien mit-teħid ta' pussess kif maħsub fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Huwa minħabba f'hekk li l-applikabilita' tal-artikolu taħt il-Konvenzjoni jidher li hija usa' minn dak taħt il-Kostituzzjoni;

"[…]

"Illi ma hemm l-ebda dubju li t-tifsira mogħtija lill-kelma "possedimenti" fl-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni hija waħda wiesgħa u żgur tmur lil hinn mit-tifsira ta' sempliċi proprjetà. Kemm hu hekk "The English language text uses the word 'possession' to describe the protected interest but any suggestions that it should be read narrowly is refuted by the word 'biens' in the French text which indicates that a wide range of proprietorial interests were intended to be protected. It embraces immoveable and moveable property and corporal and incorporeal interests, such as company shares and intellectual property. A cause of action that has unconditionally vested may qualify as an 'asset' constituting a 'possession'. Contractual rights, including leases, and judgment debts are possessions. The essential characteristic is the acquired economic value of the individual interest. Expectations do not generally have the degree of concreteness to bring them within the idea of 'possessions', although 'legitimate expectations' may be relevant in establishing that there are rights to be protected by Article 1 of the First Protocol"... Illi fil-każ ta' spettativa leġittima, "there must first be an 'asset' that can qualify as a 'possession' under Article 1 of the First Protocol. The 'legitimate expectation' relates to the merits of the 'asset'.."

"[…]

"Illi applikati dawn il-prinċipji għal dan il-każ, fil-fehma tal-Qorti, l-argument tal-intimati li r-rikorrenti ma seħħilhomx juru li liċenzja ta' irmiġġjaturi hija fil-fatt 'possediment' ma jistax jintlaqa'. Għall-kuntrarju, ir-rikorrenti urew biċ-ċar il-valur ekonomiku marbut ma' liċenzja bħal din, ukoll jekk wieħed iżomm quddiem għajnejh iż-żmien limitat li għalih

tingħata u l-fatt li ma tistax tintiret awtomatikament. Il-liġi nnifisha tirrikonoxxi l-element ekonomiku ta' din il-liċenja billi tistabbilixxi t-tariffi li irmiġġjaturi 'liċenzjati' jitħallsu bihom, u l-portijiet li irmiġġjaturi 'liċenzjati' jagħtu s-servizz tagħhom fihom. Għalhekk, il-Qorti sejra tissokta biex tqis l-ilment ewlieni tar-rikorrenti taħt il-profil tal-artikolu tal-Konvenzjoni;"

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

10. Fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, it-terminu "possediment" ghandu definizzjoni awtonoma u pjuttost wiesa' li tinkludi kemm assi tangibbli, bhal per ezempju fond immobbli, kif ukoll assi intangibbli, bhal per ezempju proprjeta` intelletwali jew l-avvjament ta' negozju.[1] Schabas jikteb illi:

"*With respect generally to non-physical assets, the Court will consider 'whether the legal position in question gave rise to financial rights and interests and thus had an economic value'. Accordingly, article 1 has been applied to professional practices and their clientele, to intellectual property, to business permits and licences, trade marks and copyright, the right to use an internet domain name, and to shares in limited liability companies*."[2]

11. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-licenzja ta' rmiggjatur tal-appellati hija fil-fatt possediment ai termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Qabel l-introduzzjoni tal-Avviz Legali numru 100 tal-2011, din il-licenzja kienet necessarja sabiex persuna tkun tista' tahdem bhala rmiggjatur, filwaqt illi wara l-emendi tal-2012 din il-licenzja taghti lill-

[1] Ara per ezempju **Tre Traktörer Aktiebolag v. Sweden** (QEDB, 07/07/1989); **Mellacher and Others v. Austria** (QEDB, 19/12/1989); **Iatridis v. Greece** (QEDB, 25/03/1999); **Zhigalev v. Russia** (06/07/2008); **Megadat.com SRL v. Moldova** (QEDB, 08/04/2008); **Könyv-Tár Kft and Others v. Hungary** (QEDB, 16/10/2018);
[2] W. Schabas, *The European Convention on Human Rights: A Commentary* (OUP, 2015) 971.

irmiggjatur licenzjat esklussivita f'dak li ghandu x'jaqsam xoghol ta' rmiggjar f'numru ta' portijiet li jinsabu fil-gzejjer Maltin. Ghalhekk, ghalkemm huwa minnu li din il-licenzja ma tistax tigi trasferita jew tintiret, ma jistax jinghad illi m'ghandhiex valur ekonomiku meta wiehed jikkonsidra illi qabel l-2011 din il-licenzja kienet taghti lill-appellati access sabiex jipprattikaw professjoni li minnha jaqilghu l-ghijxien taghhom, filwaqt li wara l-emendi tal-2012 din il-licenzja taghtihom access esklussiv sabiex irendu servizzi f'numru ta' portijiet Maltin.

12. Detto dan, il-Qorti hija tal-fehma illi l-Avvizi Legali in kwistjoni ma laqtux il-licenzja innifsha, izda l-kondizzjonijiet tas-suq li fiha kienet tithaddem. Tant hu hekk illi ghalkemm l-appellati jargumentaw illi huma sofrew tehid, imqar parzjali, tal-licenzja taghhom, jirrizulta b'mod car illi din il-licenzja qatt ma giet revokata mill-awtoritajiet pubblici, lanqas imqar parzjalment. Ma jirrizultax illi l-Istat qatt impedixxa b'xi mod lill-appellati, qua rmiggjaturi licenzjati, milli jezercitaw il-professjoni taghhom, u l-appellati qatt ma twaqqfu mill-Istat milli joperaw f'portijiet fejn ma kinitx rikjesta licenzja bhala pre-rekwizit sabiex isir xoghol ta' rmiggjar. L-Avvizi Legali li dwarhom jilmentaw l-appellati f'din l-azzjoni ma kinux immirati lejn il-licenzja taghhom, izda biss lejn il-kondizzjonijiet tas-suq li fihom kienu joperaw u dak li affetwaw ma kinitx il-licenzja taghhom izda s-sehem taghhom fis-suq u l-pozizzjoni dominanti taghhom. Ghalhekk dak li kellu jigi kkonsidrat mill-ewwel Qorti huwa jekk dawn il-kondizzjonijiet

tas-suq u s-sehem fis-suq tal-appellati jammontawx ghall-possediment tal-appellati tutelabbli taht il-Konvenzjoni Ewropea.

13. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Oklešen and Pokopališko Pogrebne Storitve Leopold Oklešen S.P. v. Slovenia** (QEDB, 30/11/2010) li kienet titratta sitwazzjoni fejn ghal numru ta' snin l-applikant, li kellu licenzja sabiex jipprovdi servizzi funebri, kellu monopolju f'dak li jirrigwarda dawn is-servizzi, li kien gie terminat bl-introduzzjoni ta' legislazzjoni li klassifikat dawn is-servizzi bhala servizzi pubblici u poggiethom taht ir-responsabbilita` ta' intrapriza statali. F'din is-sentenza intqal hekk dwar il-pretensjoni tal-applikant illi l-isperanza tieghu li jibqa' jrendi dawn is-servizzi taht l-istess kondizzjonijiet kienet tikkwalifika bhala "possediment" ai termini tal-Konvenzjoni:

> "*the Court cannot conclude that the applicant's hope of being able to continue to provide funeral services in question constituted a claim of a kind that was sufficiently established to constitute a legitimate expectation, and hence a distinct "possession" within the meaning of the Court's case-law*."

14. Bl-istess mod f'dan il-kaz, il-Qorti ma tqisx illi l-isperanza jew xewqa tal-appellati illi s-suq tas-servizzi ta' rmiggjar jibqa' maghluq u jibqghu jgawdu mill-monopolju li kienet tohloq il-ligi tikkostitwixxi aspetattiva legittima li tista' titqies bhala possediment ghall-finijiet tal-Konvenzjoni. Kif sewwa jargumentaw l-appellanti, l-appellati ma setax ikollhom aspettativa legittima li l-ligi ma tinbidel qatt u li l-monopolju gawdut minnhom jibqa' fis-sehh ghal dejjem. Barra minn hekk, il-kondizzjonijiet

tas-suq qabel l-emendi ma kinux possediment fil-proprjeta` tal-appellati, u l-klijentela tal-appellati ma kinitx giet zviluppata "*by dint of their own work",*[3] izda sforz biss legislazzjoni li kienet tohloq monopolju favur taghhom, u ghalhekk ma tikkostitwix possediment distint protett permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti tqis illi s-sehem fis-suq tal-appellati u l-pozizzjoni dominanti taghhom fis-suq tal-irmiggjar ma jistghux jitqiesu bhala possedimenti ai termini tal-Konvenzjoni u zgur li m'humiex protetti minn legislazzjoni introdotta legittimament mill-Istat immirata lejn il-liberalizazzjoni tas-suq.

15. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea moghtija fl-atti tar-referenza maghmula fil-kawza **R (Alliance for Natural Health et) v. Secretary of State for Health** (ECJ, C-154/04, 12/07/2005) fejn intqal illi:

> "*No economic operator can claim a right to property in a market share, even if he held it at a time before the introduction of a measure affecting the market, since such a market share constitutes only a momentary economic position exposed to the risks of changing circumstances. Nor can an economic operator claim an acquired right or even a legitimate expectation that an existing situation which is capable of being altered by measure taken by the Community institutions within the limits of their discretion will be maintained*."[4]

[3] Ara per ezempju **van Marle and Others v. The Netherlands** (QEDB, 26/06/1986); **Iatridis v. Greece** (QEDB, 25/03/1999) **Malik v. The United Kingdom** (QEDB, 13/03/2012);; **Könyv-Tár Kft and Others v. Hungary** (QEDB, 16/10/2018).

[4] Ara wkoll **Germany v. Council** (ECJ, C-122/95, 10/03/1995): "…no economic operator could claim a right to property in a market share which he held before the adoption of that regime (*paragrph* 79) or an acquired right or a legitimate expectation that a situation existing before that time would be maintained.."; **R (Swedish Match AB et) v. Secretary of State for Health** (ECJ, C-210/03, 14/12/2003).

16. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi ebda interess tutelabbli tal-appellati ma ntlaqa' ai termini tal-Konvenzjoni Ewropea, u li l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa fondat sa fejn kompatibbli ma' dak dedott f'din is-sentenza. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tqis illi l-mertu tal-bqija tal-aggravji tal-appellanti gie ezawrit u m'hemmx lok li jigi trattat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti sa fejn huwa kompatibbli ma' din is-sentenza u konsegwentement thassar is-sentenza appellata u tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti appellati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm